FONTANA

Minuti tat-tmien laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tnejn, 20 t`Ottubru 2008 fis-1.30 ta` wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | **Membri** |
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi-Sindku | Is-Sur Anthony Borg |
| | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Horace Micallef |
| **Skużat:** | Is-Sur Lorry Apap |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku Saviour Borg.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-talba u nfurmat illi l-minuti tal-laqgħa nru. 7 għadhom mhux lesti minħabba pressjoni ta` xogħol.

**Korrispondenza**

Il-*Malta Olympic Committee* bagħtet korrispondenza lill-Kunsill dwar il-*MOC Sports Awards* li ser isir f`Diċembru. Din is-sena ġie deċiż li jibda jingħata *Award* lil dak il-Kunsill Lokali li jkun ta` l-akbar kontribut lill-isport Malti.
*WasteServ* bagħtet korrispondenza dwar il-parteċipazzjoni tagħhom fl-attivitajiet li jsiru mill-Kunsill. Huma jkunu jistgħu jgħaddu informazzjoni lill-pubbliku dwar is-separazzjoni ta` l-iskart u l-użu mill-iskart organiku għall-kompost.
Il-Kunsill irċieva mandat għat-taħrik ta` xhieda u biex jinġiebu d-dokumenti meħtieġa minn rappreżentant tal-Kunsill fil-kawża Salvu Attard vs Raymond Zammit dwar Sqaq ta` Fuq il-Lunzjata. Is-Sindku ser jitla` l-Qorti.
Id-Dipartiment għall-Promozzjoni tas-Saħħa bagħat korrispondenza dwar il-korsijiet li qed jiġu offruti lill-pubbliku ġenerali fl-Isptar Ġenerali t`Għawdex.
Il-Ministeru għar-Riżorsi u għall-Affrijiet Rurali bagħat korrispondenza dwar il-Kampanja '*Clean Up Malta 2008*` li ser issir bejn it-23 u l-25 t`Ottubru 2008. Il-Kunsill mhux ser jipparteċipa f`din il-kampanja, għar-raġuni li m`hemmx fejn isir dan it-tindif.
Is-Segretarjat Parlamentari għad-Djalogu u Informazzjoni bagħat l-informazzjoni relatata mal-Karta ta` Aalborg sabiex il-Kunsill ikun jista` jifhem aħjar x`tinvolvi din il-Karta. Is-Segretarjat talab lill-Kunsill jinfurmah jekk hux ser ikun firmatorju ta` din il-Karta. Il-Kunsill diġa qabel f`laqgħa preċedenti li jkun firmatorju.
L-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bagħtet il-listi t`applikazzjonijiet ġodda għall-permess ta` żvilupp li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill.
Dwar il-permess nru. 03668/08 tar-restawr tal-Għajn ta` Bendu l-MEPA nfurmat lill-Kunsill illi qed tikkonsulta mal-*CHAC (Cultural Heritage Advisory Committee).* Għaldaqstant iż-żmien stipulat biex tiġi determinata din l-applikazzjoni ġie estiż.

Is-Sur Pio Farrugia mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali nforma lill-Kunsill illi b`effett immedjat il-Kunsill m`għandux jaċċetta il-ħlasijiet ta` liċenzji kummerċjali.

Is-Sur Matthew Degiorgio mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali kiteb lill-Kunsill dwar il-ħlasijiet rigward il-ġbir tal-iskart separat fil-Fontana. Id-Dipartiment qed jagħmel l-arranġamenti neċessarji biex jirrimborza l-Kunsill għall-kontijiet li ħallas minn Mejju sas-7 ta` Lulju 2008. Is-Sindku ta tagħrif lill-Kunsill li ntalbet l-għajnuna tas-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said peress li d-Dipartiment ma jridx iħallas lill-Kunsill tal-ġbir ta` l-iskart separat li sar fl-ewwel tliet ġimgħat minn nofs April sa l-ewwel ġimgħa ta` Mejju. Dan minħabba l-fatt li l-Kunsilli l-oħra bdew warajna għax kellhom problema mal-kuntrattur, kif ukoll li d-Dipartiment ma riedx jagħti aktar minn €100 għal kull ġabra peress li qed jgħidu li daqshekk tħallsu lill-kuntrattur mill-Kunsill, meta l-ftehim hu ta` €186 lill-Kunsill għal kull ġabra. L-Onor. Chris Said wiegħed l-għajnuna tiegħu.

Is-Sur James Catania mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali nforma lill-Kunsill illi t-taħriġ għall-Kunsilliera ser isir f`Għawdex. Dan sar wara nterventi minn Noel Formosa u mill-Onor. Chris Said. Dan il-kors ser isir matul wieħed mill-*weekends* ta` Novembru.

L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bagħtet korrispondenza dwar l-attivitajiet li ser isiru bħala parti mill-15 l-anniversarju tal-Kunsilli Lokali. Dawn l-attivitajiet ser isiru bejn it-3 u 7 ta` Diċembru 2008. Il-Kunsill ġie mitlub jimblokka dawn id-dati.

L-Assoċjazzjoni bagħtet korrispondenza dwar il-laqgħa plenarja li issa ser issir is-Sibt, 25 t`Ottubru 2008.

L-Assoċjazzjoni bagħtet ukoll korrispondenzi dwar il-kwestjonarju tas-sit elettroniku u dwar il-*bus shelters*.

Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 26/2008 dwar Diskors minn Claudette Abela Baldacchino fil-Kumitat tar-Reġjuni.

Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 27/2008 dwar il-mewt ta Dr. Karl Chircop.

Inqrat Stqarrija għall-Istampa Nru. 28/2008 dwar l-Iżvilupp ekonomiku f`reġjuni żgħar u vulnerabbli m`għandux ikun detrimentali għall-ambjent ta` madwarna – Claudette Abela Baldacchino fil-Kummissjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-CLARE.

Inqrat Ċirkulari AKL80/2008 bis-suġġett '*Wildlife and Habitats of the Maltese Islands II – Intermediate Level Course*'.

Inqrat Memo 28/2008 dwar Sistema Ġdida ta` '*Customer Care*'.

Inqrat Memo 29/2008 dwar Servizz mill-MEUSAC lill-Kunsilli Lokali – *EU Contact Persons*.

Inqrat Memo 30/2008 dwar Kuntratti eżistenti tal-ġbir ta` skart. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet l-informazzjoni mitluba.

Inqrat Memo 31/2008 dwar Rapport dwar l-Effiċjenza tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ġie l-ewwel b`punti ta` 9.09, l-ogħla marka assoluta li jkopri l-perjodu ta` bejn April 2007 u Marzu 2008.

Inqrat Memo 32/2008 dwar Faċilita` lill-Kunsilli Lokali li javżaw l-attivitajiet bla ħlas.

Inqrat Memo 33/2008 dwar Avviżi fil-Gazzetta dwar Offerti u Kwotazzjonijiet.

## Mistoqsijiet

Ma kienx hemm mistoqsijiet f`din il-laqgħa.

**Jum il-Fontana – 1 ta` Diċembru 2008**

Il-Kunsill għadda għan-nominazzjonijiet tal-premju 'Ġieħ il-Fontana'. Is-Sindku nnomina lill-aħwa Giorgia u Carmena Galea bħala apprezzament tal-ħidma li wettqu mat-tfal tal-Fontana għal għexirien ta` snin. Il-Kunsill qabel. Is-Sindku ssuġġerixxa illi fl-okkażjoni tal-15 –il sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali tingħata tifkira lill-ex-Kunsilliera li servew fil-Kunsilli tal-passat. Il-Kunsill qabel. Il-Viċi-Sindku ssuġġerixxa li f`Jum il-Fontana nagħtu rigal lil Dun Salv Tabone fl-okkażjoni tal-ħatra tiegħu bħala Monsinjur. Il-Kunsill qabel.

**Tiżjin tal-Milied**

Is-Sindku qal li għandu jsir tiżjin bħas-soltu minn Michael Bugeja fit-Toroq John Gaspard Le Marchant u Kardinal Alessandro Franchi u George Schembri f`isem il-Knisja Parrokkjali minn ħdejn il-Knisja sa l-Uffiċċju tal-Kunsill fi Triq tal-Għajn. Għat-toroq John Gaspard Le Marchant u Kardinal Alessandro Franchi s-Sindku ser ikellem lil Fr. Alex biex niġu mislufa l-arbli tal-ħadid li jiġu armati fil-festa għad-dawl. Dan għall-ħlas ta` €465.87,0 kull wieħed u l-*meter* tad-dawl bħas-soltu jħallsu l-Kunsill.

**Attivita` fil-Karnival**

It-Taqsima Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex bagħtet korrispondenza dwar il-Karnival Reġjonali t`Għawdex 2009. Hija x-xewqa tal-Kumitat li l-Karnival li ġej ikun differenti mis-soltu, b`dimensjoni aktar reġjonali. Għaldaqstant inħolqot skema ġdida fejn il-Kunsill ġie mistieden sabiex iħeġġeġ grupp ta` żgħażagħ mill-lokalita` sabiex jipparteċipaw f`waħda mill-kategoriji. Il-Kumitat qed jipproponi li l-parteċipanti jingħataw għajnuna finanzjarja maqsuma fuq tliet partijiet, żewġ partijiet li jinħarġu mill-Kumitat u parti oħra mill-Kunsill Lokali. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li tkellem mal-Amministratur Parrokkjali Fr. Alex Refalo fejn sar qbil li ser javviċina l-grupp taż-żagħżagħ tal-parroċċa biex jieħdu sehem. B`hekk issir għall-ewwel darba attivita` fil-Fontana bil-Kunsill joħroġ €600 u jekk jieħdu sehem fil-Karnival Reġjonali jieħdu wkoll tal-Kumitat tal-Kultura.

**Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm mozzjonijiet f`din il-laqgħa.

**Approvazzjoni ta` kontijiet**

Il-kontijiet ta` hawn taħt ġew approvati:

| | | |
|---|---|---|
| *Le Marquis Brasserie* | € | 164.50,0 |
| *St. Agatha Catacombs* | € | 100.00,0 |
| *Gozo Channel Co. Ltd.* | € | 18.40,0 |
| *Go* | € | 118.71,0 |
| Joscar Camilleri | € | 158.34,0 |
| Joscar Camilleri | € | 158.34,0 |

FONTANA

| | | |
|---|---|---|
| Mark Bajada | € | 76.87,0 |
| *Baldacchino Woodworks Ltd.* | € | 1770.00,0 |
| *Galea Curmi Engineering Consultants* | € | 77.25,0 |
| *Galea Curmi Engineering Consultants* | € | 260.40,0 |
| *Galea Curmi Engineering Consultants* | € | 191.92,0 |
| *Galea Curmi Engineering Consultants* | € | 437.40,0 |
| *Public Cleansing Department* | € | 160.06,0 |
| *WasteServ Malta Ltd.* | € | 1463.81,0 |
| Saviour Borg | € | 330.54,0 |
| Josianne Cassar | € | 1,348.57,0 |
| *Commissioner of Inland Revenue* | € | 615.52,0 |
| *Petty Cash* | € | 86.42,0 |
| *Portelli Print* | € | 311.23,0 |
| *Office Equipment* | € | 253.34,0 |
| Johanna Caruana | € | 240.00,0 |
| Raymond Grech | € | 139.66,0 |
| *Zammit Aluminium Ltd.* | € | 176.00,0 |
| Paul Zahra | € | 220.00,0 |
| Charlie Borg *Water Supply* | € | 25.00,0 |
| *Mr. Signs* | € | 88.00,0 |
| *Chairperson* Kumitat tat-Tmexxija | € | 205.49,0 |
| *Ray`s Catering Service* | € | 310.00,0 |
| *Office Club* | € | 35.00,0 |
| *A&M Printing Ltd.* | € | 321.63,0 |
| Anthony Mercieca | € | 326.20,0 |
| *Koptaco Coaches* | € | 676.25,0 |
| *Grech Central Stores* | € | 11.83,0 |
| *Rapa Showrooms Co. Ltd.* | € | 82.68,0 |
| *Rapa Showrooms Co. Ltd.* | € | 83.79,0 |
| *Rapa Showrooms Co. Ltd.* | € | 104.99,0 |
| Joseph Tabone | € | 32.95,0 |
| *Gozo Express Services Ltd.* | € | 33.04,0 |
| *Dominic Department Stores* | € | 102.95,0 |
| *Dominic Department Stores* | € | 142.39,0 |
| *Road Construction Co. Ltd.* | € | 47.65,0 |
| *M.I.T.T.S.* | € | 37.52,0 |
| Anton Zarb | € | 698.56,0 |
| *Lands Department* | € | 1400.00,0 |
| *VSS Limited* | € | 125.81,0 |
| *George Farrugia & Sons* | € | 133.51,0 |
| *OS3* | € | 730.49,0 |
| Emanuel Caruana | € | 200.00,0 |
| Silvio Azzopardi | € | 80.50,0 |
| Saviour Borg | € | 266.22,0 |
| John Grima | € | 70.00,0 |
| *Sound and Vision* | € | 46.00,0 |

| | | |
|---|---|---|
| *Gozo Pottery Barn* | € | 46.13,0 |
| Savio Debrincat | € | 2680.12,0 |
| *Galea Curmi Engineering Consultants* | € | 15.45,0 |
| *WasteServ Malta Ltd.* | € | 287.02,0 |
| Joseph Vella | € | 66.00,0 |
| *Omnistat Office Supplies* | € | 26.23,0 |
| Charles Attard | € | 24.00,0 |
| *Public Cleansing Department* | € | 57.62,0 |
| *Sound and Vision* | € | 65.00,0 |
| *J.C.R. Ltd.* | € | 16.04,0 |
| *Go* | € | 86.07,0 |
| Total | € | 18665.41,0 |

## Ilmenti/Suġġerimenti

Il-Kunsillier Victor Cefai talab lill-Kunsill sabiex titbaxxa l-bankina ta` '*Fontanella Gardens*' minħabba l-fatt li qed ikun hemm problemi meta jkunu ħerġin mill-garaxxijiet. Il-Kunsill ser jieħu ħsieb li jsir dak li hemm bżonn.

## Materji oħra

Għas-siġġijiet tas-Sala tal-Komunita` ntbagħtu diversi kwotazzjonijiet. Dawn kienu:

- *Alfa Company Limited* - €58.70,0;
- Baldacchino Group - €35.40,0;
- *Continental Purchasing Co. Ltd.* - €58.50,0/€66.00,0/€64.50,0 (Vat mhux inkluż);
- *Omnistat Office Supplies* - €26.23,0;
- Tal-Mudell - €28.00,0
- *Fithome Creative Interiors* - €14.60,0,0;
- *Invicta* - €27.00,0.

Wara li l-Kunsill ra l-kwotazzjonijiet kollha ddeċieda li jixtri mitt siġġu mingħand Baldacchino Group għall-prezz ta` €35.40,0 il-wieħed. Saret ukoll żjara f`Malta fejn is-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier Victor Cefai marru jaraw diversi tipi ta` siġġijiet li ntefgħet il-kwotazzjoni għalihom. Sar qbil li jiġu msellfa mitt siġġu mingħand Baldacchino Group għall-attivita` ta` 'Jum il-Fontana' jekk dawn ma jkunux għadhom lesti.

Il-Viċi-Sindku talab li jiġi skużat u ħareġ mill-laqgħa.

Il-Kunsillier Horace Micallef rringrazzja lill-Kunsill tal-fjuri li ngħatawlu fl-okkażjoni tat-tieġ tiegħu. Is-Sindku ppreżenta replika tal-Għajn il-Kbira lill-Kunsillier Horace Micallef.

Il-Kunsillier Horace Micallef issuġġerixxa illi tintbagħat ittra lil Dr. Joseph Muscat sabiex nifirħulu tal-ħatra tiegħu bħala Kap ta` l-Oppożizzjoni. Il-Kunsill qabel. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Micallef il-Kunsill qabel ukoll illi tintbagħat *card* tal-kondoljanzi lill-Familja ta` Dr. Karl Chircop.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi s-Sur Chris Galea m`aċċettax li jiġi nominat għall-Premju San Nikola minn Tolentino.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar ir-*road hump* fin-naħa ta` fuq ta` Triq tal-Għajn, jonqos s-sentenza mill-Qorti.
L-applikazzjonijiet għall-korsijiet tal-bizzilla u ganutell għalqu. Peress li n-numru ta` dawk li ser jattendu huwa limitat, il-ħlas ta` €2.33 kull darba ma jkoprix il-ħlas lil Nathalie Buttigieg. Il-Kunsill ser jagħmel tajjeb għad-differenza. Dan ser ikun kors t`għaxar darbiet ta` sagħtejn kull darba.
Is-Segretarju Eżekuttiv ġabet l-istima ta` €542.80,0 għar-*railing* ta` l-*stainless steel* mingħand John Attard. Il-Kunsill qabel li hu għoli u ser jara li jsib materjal ieħor.
Is-Sindku, Viċi-Sindku, l-Kunsillier Victor Cefai u s-Segretarju Eżekuttiv attendew għall-pusses ta` Dun Salv Tabone bħala Monsinjur tal-Katidral.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret tiswija urġenti fis-Sala tal-Komunita` peress li daħal ftit ilma tax-xita n-naħa li tmiss mat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku. Ġie mqabbad Nicky Saliba jagħmel *membrane* bejn il-ħajt u l-*Playing Field* u Joseph Muscat jerġa` jpoġġi l-*bricks* tal-*Playing Field* peress li ried jinqata` bil-*grinder*.
Ġie mqabbad ukoll Chris Gauci li hu kwalifikat bħala *electrician* biex issir tiswija ta` bozoz tat-toroq u sqaqien, li ma jkunx possibbli li jitranġaw mill-ħaddiema tal-Kunsill.
Is-Sindku attenda għall-laqgħa li kellhom is-Sindki Għawdxin mal-Ministru għal Għawdex Ġiovanna Debono fil-Ministeru għal Għawdex dwar il-proġett Eko-Għawdex.
Is-Sindku u l-Viċi-Sindku attendew għall-laqgħa li saret dwar il-Budget mill-Ministru tal-Finanzi Tonio Fenech fil-Liċeo tar-Rabat.
Is-Sindku, l-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Victor Cefai attendew għas-seminar dwar id-Dikjarazzjoni t`Aalborg li sar fil-Grand Hotel, Għejnsielem. Dan kien organizzat mis-Segretarjat Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u Nformazzjoni. Attendew fost l-oħrajn l-Onor. Prim Ministru Dr. Dawrence Gonzi u l-Onor. Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi ntemm is-smigħ tax-xhieda dwar il-kawża li fetħet Pauline Cassar kontra l-Kunsill Lokali. Il-kawża marret għas-sentenza.
Dwar il-bozza li twaħħlet f`tarf Triq l-Isptar San Ġiljan il-Korporazzjoni EneMalta qed tistenna li ssir l-applikazzjoni flimkien mal-ħlas mill-Ministeru għal Għawdex sabiex tkun tista` tinxtgħel.
Ġie wkoll ippreżentat il-programm għall-ħarġa għar-residenti f`Malta. Ser ikollna quddiesa fil-Kappella tal-*Millenium*, wara *breakfast* fid-*Dragonara Casino*, s-suq ta` Birkirkara u l-Katakombi ta` Sant`Agata fir-Rabat.
Il-kuntrattur Nicky Saliba waqt il-laqgħa ġab il-kont tax-xogħol li sar fil-bini ta` l-ewwel fażi tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sindku qal li peress li hemm diskrepanza sostanzjali mill-offerta ser jara l-kont flimkien mal-Kunsillier Lorry Apap li flimkien kienu responsabbli mix-xogħol. Huwa nforma lill-Kunsill illi l-Kunsill preċedenti kien approva li tiġi mkabbra s-Sala tal-Komunita` u għaldaqstant dan irid jittieħed in-konsiderazzjoni.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi ġiet imqabbda l-Perit Ivana Farrugia għar-replika tal-Għajn tal-Loġoġ peress li l-Perit John Saliba baqa` ma ltaqax miegħu.

Il-laqgħa ntemmet fit-3.15 ta` wara nofsinhar. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis, 28 ta` Novembru 2008 fis-2.30 ta` wara nofsinhar.

Josianne Cassar — Saviour Borg
Segretarju Eżekuttiv — Sindku

Kunsill Lokali - Fontana - Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Tal-Għajn Street
Fontana FNT 9024
Tel.: 21558877 Fax.: 21562555